**20 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Francis Scicluna

## Sospensjoni ta' l-Esekuzzjoni ta' Sentenza

*Il-ġurisprudenza pparifikat, bħala massima ġenerali, il-mankanza tat-talba għas-sospenzjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 ma' l-akkwixxjenza, liema akkwixxjenza hija in konflitt mal-volonta' li wieħed jappella. Għal din ir-regola, pero', il-Qorti rrikonoxxiet*

*ċerti eċċezzjonijiet; eż. il-każ ta' meta l-Qorti tkun sodisfatta li t-talba għas-sospensjoni tkun effettivament ġiet mitluba iżda ma ġietx debitament irreġistrata fl-atti.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Francis Scicluna talli (1) fis-17 ta' Ġunju, 1994 għall-ħabta ta' 12 p.m. kiser il-buon ordni u l-paċi pubblika bl-għajat u ġlied; (2) ħebb mingħajr ma darab għal Marika Vassallo; (3) dejjaq bi ħsejjes u storbju minn ġol-garaxx tiegħu li jinsab fi Triq l-Aħwa Zammit, Ħal Qormi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Ġunju, 1994 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Francis Scicluna ħati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni, iżda lliberatu mit-tieni imputazzjoni u kkundannatu ħmistax-il lira ammenda;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Francis Scicluna, minnu ppreżentat fil-11 ta' Lulju, 1994 li bih talab ir-revoka tas-sentenza hawn aktar 'l fuq imsmemija in kwantu sabitu ħati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u li konsegwentement jiġi lliberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi l-ewwel ħaġa li trid tiġi deċiża f'din il-kawża hi jekk l-appell hux wieħed regolari jew le u dana minħabba l-fatt li mill-atti ma jirriżultax li l-appellant, allura imputat, talab u ottjena s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-Kodiċi Kriminali. Fuq dan il-punt il-Qorti tat l-opportunita` lill-

partijiet jagħmlu noti ta' sottomissjonijiet. L-appellant ippreżenta n-nota tiegħu fit-28 ta' Novembru, 1994 u din ġiet innotifikata fl-istess ġurnata lill-Avukat Ġenerali, li pero` baqa' ma' għamel ebda nota min-naħa tiegħu;

Fuq din il-kwistjoni il-Qorti tosserva dan li ġej:

M'hemmx dubbju li l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti ipparifikat, bħala massima ġenerali, il-mankanza tat-talba għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 ma' l-akkwixxjenza, liema akkwixxjenza hija in konflitt mal-volonta` li wieħed jappella. F'dan is-sens din il-Qorti tagħmel riferenza għas-segwenti sentenzi: **Il-Pulizija *vs* Moses Bugeja u Edward Grech**, App. Krim. 28/1/94, **Il-Pulizija *vs* Franġisk Borg**, 18/1/41, Vol. XXXI.IV.391, **Il-Pulizija *vs* Alfred Ancilleri u John Cauchi**, App. Krim. 10/12/92, **Il-Pulizija *vs* Mario Mifsud**, App. Krim. 5/5/94, **Il-Pulizija *vs* Paul Bugeja**, App. Krim. 30/5/94, u **l-Pulizija *vs* Francis Micallef**, App. Krim. 5/7/94. Pero` għal din ir-regola din il-Qorti irrikonoxxiet ċerti eċċezzjonijiet. Hekk, per eżempju, fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Mario Mifsud**, ġa` ċitata, din il-Qorti rriteniet li l-mankanza ta' talba għas-sospensjoni ma kinitx ta' ostakolu għal dak l-appell limitatament għall-piena ta' priġunerija sospiża. Hekk ukoll fis-sentenza preliminari tagħha tas-7 ta' Ottubru, 1994 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Joseph Farrugia**, fejn l-appellant, wara li kien instab ħati mill-ewwel Qorti, ġie lliberat taħt l-artikolu 9 tal-Kap. 152, din il-Qorti rriteniet l-appell ma kienx null minkejja n-nuqqas ta' talba għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza. L-appellant odjern għamel riferenza għal sentenza, pjuttost antika, u ċjoe` għas-sentenza tas-17 ta' Mejju, 1924 fil-kawża fl-ismijiet **La Polizia *vs* Pietro Laus ed**. Din il-Qorti, pero`, ma tarax li din is-sentenza għandha b'xi mod tiddisturba

l-ġurisprudenza aktar reċenti. Pjuttost din il-Qorti tara li r-raġuni prinċipali għala f'dak il-każ l-appell kien ġie ritenut validu minkejja n-nuqqas ta' talba għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza kienet peress li l-appellant, ċertu Emmanuele Fabri, kien fl-impossibilita` li jagħmel tali talba "essendo egli in quel giorno detenuto per scontare una pena corporale per una condanna precedente" u għalhekk it-talba ma saritx "non perche` non ne voleva veramente interporre appello ma perche` gli era impossibile fare la domanda per la sospensione della esecuzione della sentenza ai termini di legge, non potendo egli sul momento essere messo fuori di prigione" (Kollez. Deċiż. Vol. XXV.IV.1011-1012);

Fil-każ odjern m'hemmx dubbju li l-appellant talab, permezz tal-legali tiegħu, is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza appena din ingħatat. Għal xi raġuni, pero`, fl-atti tal-kawża m'hemm irreġistrat xejn. Il-Qorti hawnhekk tosserva li fl-istess ġurnata li ngħatat is-sentenza meritu ta' dan l-appell, ingħatat mill-istess Qorti u ppresjeduta mill-istess Maġistrat sentenza oħra kontra l-appellant (Appell numru 220/94) u fil-każ ta' din is-sentenza l-oħra t-talba għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ġiet debitament irreġistrata fl-atti. Il-Qorti għalhekk tifhem li dak li ġara kien li bi svista t-talba għas-sospensjoni ġiet irregistrata biss f'waħda miż-żewġ kawżi li l-appellant, allura imputat, kellu quddiem il-Qorti Inferjuri, u ta' dan in-nuqqas ċertament m'għandux ibati l-appellant. F'dan is-sens kienet ukoll iddeċidiet din il-Qorti fis-sentenza tas-17 ta' Mejju, 1994 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Karl Gialanze** u għalhekk f'dan is-sens din il-Qorti qiegħda tiddipartixxi minn parti mill-konklużjoni raġġunta fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Moses Bugeja u Edward Grech** (deċiża minn din il-Qorti diversament ippresjeduta) ġa` ċċitata;

Għalhekk din il-Qorti ser tikkunsidra dana l-appell bħala wieħed regolarment intavolat;

L-appellant jilmenta fl-ewwel lok li s-sentenza appellata hija nulla peress li m'hemmx iċċitat l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat u dan kif tassattivament rikjest bl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Fuq dan l-aggravju, l-appellant m'għandux raġun. Is-sentenza appellata ssemmi l-artikoli tal-liġi li, skond l-ewwel Qorti, jikkontemplaw ir-reat li tagħhom l-appellant instab ħati u ċjoe` kwantu għall-ewwel imputazzjoni l-artikolu 338 (dd) tal-Kodiċi Kriminali u kwantu għat-tielet imputazzjoni l-artikolu 130(1) tal-Kap. 10. Għalhekk dan l-agravju qed jiġi respint. Il-Qorti pero` tosserva li l-fatti kif miġjuba fit-tielet imputazzjoni ma fihomx l-elementi ta' l-ebda reat, la dak ikkontemplat fl-artikolu 338(m) tal-Kap. 9, peress li mhux allegat li l-ħsejjes jew l-għajat sar bil-lejl u lanqas dak ikkontemplat fl-artikolu ċitat fis-sentenza, ċjoe` 130(1), peress li mhux qed jiġi allegat li Francis Scicluna ma kienx munit bid-debita liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Għalhekk fi kwalunkwe każ l-appellant ma setax jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni u ser jiġi lliberat minnha;

Kwantu għall-ewwel imputazzjoni, għalkemm din il-Qorti diffiċilment tbiddel l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti, f'dan il-każ u wara li ħasbet fit-tul jidhrilha li din l-ewwel imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni, tħassarha u tirrevokaha fil-bqija u konsegwentement

tillibera lil Francis Scicluna minn kull imputazzjoni u piena.